Mill-Patrimonju ta' Raħalna
Kitba Miġjuba bil-kortesija tal-Kunsill Lokali tan-Nadur

# Il-Kon-Pajżan Tagħna l-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri ( 1830 – 1910 )

## Mitt Sena minn Mewtu

Anton Said

L-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri jibqa' magħruf fostna għall-ħidma kbira li wettaq bħala ragħaj spiritwali tal-parroċċi taż-Żebbuġ, tax-Xagħra u tan-Nadur. Kien bis-saħħa tiegħu li fiż-żmien li għamel imexxi lil dawn it-tliet parroċċi, li hu kien irnexxielu jġib l-istatwi titulari tagħhom.

Dun Ġwann Camilleri twieled fil-parroċċa tan-Nadur fid-9 ta' Diċembru 1830, iben Martin Camilleri u Margerita mwielda Bajada. Hu ġie mgħammed l-għada mill-Kappillan Dun Nikola Spiteri (1828 – 1853), u ġie mogħti l-ismijiet ta' Mikiel, Ġwanni u Ġużeppi. Il-parrini tiegħu kienu Ġużeppi Camilleri u Marija mart Indri Xuereb. Għalkemm fir-reġistri tal-magħmudija l-ewwel isem tiegħu huwa mniżżel ta' Mikiel, huwa kien iwieġeb għal isem ta' Ġwanni. [i]

### Il-Mixja Tiegħu lejn is-Saċerdozju

Il-mixja lejn il-ħajja saċerdotali tiegħu bdiet meta huwa kellu tmintax-il sena bl-istudji tiegħu fis-seminarju ta' Malta. Fl-24 ta' Frar 1853, Ġwanni ġie mogħti t-tonsura klerikali filwaqt li fl-4 ta' Diċembru tal-istess sena huwa ġie mogħti l-ordnijiet minuri tal-ostjarjat, lettorat, eżorċistat u akkolitat. F'Diċembru ta' sena wara, Ġwanni kien ordnat suddjaknu u eżatt sena wara djaknu. Fl-20 ta' Diċembru 1856 huwa kien ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Publiju Sant, bil-fakulta` li jista' jqaddes fil-knejjes kollha tad-djoċesi.[ii].

### Jinħatar Kappillan għall-Parroċċa taż-Żebbuġ ...u wara għal dik tax-Xagħra

Fit-8 ta' Marzu 1863 meta Dun Ġwann kien jgħodd ftit aktar minn tnejn u tletin sena, l-istess Isqof li kien ordnah saċerdot, ħatru Kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ Għawdex. Kien f'din is-sena li l-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, wara li kiseb it-tagħrif meħtieġ mingħand xi emigranti Għawdxin fi Franza li kien ikkummissjona mingħand id-ditta *Galard et Fils* ta' Marsilja l-istatwa ta' Marija Assunta titular ta' din il-parroċċa [iii]. Waqt dan il-parrokat il-Kappillan Camilleri għadda wkoll mill-imrar tal-ħajja meta ġarrab il-mewt ta' ommu Margerita li kienet mietet bil-marda tal-kolera meta marret tgħix miegħu fil-parroċċa taż-Żebbuġ. [iv]

Wara biss sentejn u nofs imexxi l-parroċċa taż-Żebbuġ, fit-31 ta' Ottubru 1865 Dun Ġwann Camilleri ġie maħtur Kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra. Tul il-ħidma twila tiegħu f'din il-parroċċa ta' ftit aktar minn ħmistax-il sena, il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri kompla l-ħidma fejjieda tiegħu. Huwa, kif kien għamel fil-parroċċa preċedenti, fis-sena 1873 ikkummissjona mingħand l-istess ditta *Galard et Fils* ta' Franza l-istatwa titulari ta' Marija Bambina segwita b'sitt snin wara bi statwa oħra mingħand l-istess ditta ta' San Ġużepp kon-titular ta' din il-parroċċa [v]. Fis-26 ta' Mejju 1878 fi żmien l-imsemmi kappillan il-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra kienet ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pietru Pace u f'din l-okkażjoni kien sar ukoll it-tberik tal-istatwa titulari ta' Marija Bambina.

### Maħtur Kappillan ta' Raħal Twelidu

Il-ġurnata tal-1 ta' Marzu 1881 kienet il-bidu li fiha Dun Ġwann Camilleri kien ġie maħtur Kappillan tan-Nadur mill-Isqof Pietru Pace wara l-ħidma parrokkjali tiegħu fil-parroċċa tax-Xagħra. Din ir-responsabbilta` kienet segwita bil-ħruġ tal-editt ta' din il-ħatra fil-ġurnata tal-għada [vi]. Minnufih bil-ħidma ġdida tal-parroċċa fejn twieled u tgħammed, il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri ta bidu għall-bini tad-dar parrokkjali fejn hu u dawk kollha li kellhom jiġu warajh ikollhom fejn joqogħdu. Iżda żgur li l-aktar inizjattiva importanti tiegħu f'dawn l-ewwel xhur ta' ħidma kienet dik biex in-Nadur ukoll ikollu l-istatwa titulari tiegħu.



*L-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri (1830 – 1910)*

## Ikkummissjonata l-Istatwa Titulari ta' San Pietru u San Pawl

Għalkemm lejn is-sena 1866 fin-Nadur kien twaqqaf kumitat biex permezz tal-ħidma tiegħu n-Nadur ikollu statwa titulari, din ix-xewqa ma ġietx fis-seħħ sakemm il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri ma għamilx dan hekk kif beda il-ħidma tiegħu. Ftit aktar minn tliet xhur biss wara li laħaq kappillan, fl-14 ta' Lulju 1881 huwa kien wasal fi ftehim mal-istess ditta *Galard et Fils* u kkummissjona l-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl. F'dan il-ftehim tissemma l-ispiża ta' 300 skud li d-ditta Franċiża kienet talbet bħala ħlas għal dan ix-xogħol. Minnhom, nofs din l-ispiża kien ħariġa Mikiel Caruana, qarib tal-Kappillan Camilleri li bihom tħallset il-figura ta' San Pietru. Skont il-mibki Patri Alexander Bonnici, l-kittieb tal-istorja tan-Nadur, jidher ċar li qabel dan iż-żmien l-abbozz tal-istatwa proposta kien diġa` ntbagħat fin-Nadur minn Marsilja fi Franza. Iżda għal xi raġuni, dan ma kienx skont dak mixtieq. Għalhekk il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, permezz ta' disinji li saru biex jintbagħtu mill-ġdid fi Franza, huwa spjega l-għamla mixtieqa ta' din l-istatwa titulari ġdida. [vii] Ma' dan jista' ikun ukoll il-fatt li nċiżjoni li turi lill-Appostli San Pietru u San Pawl [simili ħafna għall-istatwa titulari tal-istess Appostli maħduma mid-ditta *Galard et Fils* għal parroċċa tan-Nadur] ippubblikata fuq ktejjeb ta' talb fis-sena 1874, li kien jappartjeni lill-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, f'dan iż-żmien seta` b'xi mod ukoll li kienet ta' ispirazzjoni u għajnuna ta' kif din l-istatwa unika kellha tinħadem.



*L-Imnarja lejn l-aħħar żmien tal-parrokat tal-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri. Ritratt meħud wara li beda l-bini tan-navi li l-ewwel ġebla tagħhom tqiegħdet fis-sena 1907.*

## Il-wasla tal-Istatwa ta' San Pietru u San Pawl fis-sena 1882

L-istatwa ta' San Pietru u San Pawl inħadmet fi żmien qasir u fis-sena 1882, din kienet diġa` tinsab fin-Nadur. Meta nkixfet din intgħoġbot immensament, iżda b'sorpriża, hekk kif inħarġet mill-kaxxa li kienet stivata fiha, instab li fuq in-naħa ta' wara ma kinitx iddekorata bil-ward bħal quddiem. Bi probabbilta` kbira l-istatwarji fi Franza ma kinux konxji li din l-istatwa kellha tinġarr proċessjonalment. Għalhekk dak iż-żmien kien tqabbad il-Kapuċċin Patri Ġwannbattista Mamo, li b'sengħa kbira kompla dan ix-xogħol ta' disinji ta' ward fuq l-ilbiesi tal-Appostli San Pietru u San Pawl fuq l-istess linji u disinji li għamlu l-istatwarji ta' Marsilja fi Franza. [viii]

## Il-Kappillan li kiseb il-ġieħ tal-Arċipretura u dak tal-Kolleġġjata u li għamel bosta opri ta' fejda.

L-isem tal-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, bla dubju ta' xejn, mhux marbut mal-miġja tal-istatwa titulari biss. Huwa ħalla isem ukoll għax fi żmienu l-parroċċa tan-Nadur, mal-ġieħ ta' Matriċi, issa kienet kisbet ukoll dak ta' Arċipretali permezz tal-ittri Appostoliċi tad-19 ta' Diċembru 1893 u dak ta' Kolleġġjata Insinji fid-19 ta' Settembru 1894, permezz tal-bolla Appostolika *Sanctae Romanae Ecclesiae* maħruġa mill-Papa Ljun XIII.

Ma' dawn il-privileġġi, l-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri rabat ismu wkoll ma' bosta opri oħra ta' fejda li hu għamel tul il-parrokat twil tiegħu. Fost dawn ta' min isemmi l-opri l-kbar tiegħu li saru: dawk tad-damask (1882), il-bini tad-Dar Parrokkjali (1883), it-tużel (1895), l-orgni (1897), il-bankun, il-pedestal indurat u l-anġli tal-istatwa titulari (1908), il-bini fi żmienu tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` (1902 – 1907), u l-bini tal-Oratorju tan-Nazzarenu (1908). Ma` dawn kien hemm ukoll il-bidu tal-proġett tat-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali bil-bini tan-navi, il-faċċata u l-koppla fuq stil rinaxximentali tas-seklu sbatax bl-ewwel ġebla titqiegħed fis-sena 1907 mill-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri nnifsu. [viii] Fis-sena 1908 l-Arċipriet Camilleri kien stinka wkoll iżda mingħajr suċċess għal opra oħra, din id-darba waħda soċjali, biex jinfetaħ orfanatrofju u kulleġġ f'Għawdex minn *De La Salle Brothers* fl-inħawi magħrufa bħala 'Ix-Xagħri' fin-Nadur. [ix]

L-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri miet fil-31 ta' Mejju 1910 fl-għomor ta' 80 sena wara ħidma twila ta' disgħa u għoxrin sena bħala ragħaj spiritwali tal-parroċċa tan-Nadur.

Nhar is-Solennita` tad-29 ta' Ġunju 1982, f'għeluq l-ewwel ċentinarju mill-miġja tal-istatwa titulari fostna, il-poplu Naduri fakkar li dan il-kon-pajżan tagħna b'monument li twaqqaf qrib in-niċċa tal-istatwa titulari li matul ħajtu huwa tant ħabb. Aktar tard fis-sena 1997 fl-inħawi 'Tal-Ħali', il-Kunsill Lokali, b'approvazzjoni tal-awtoritajiet Governattivi semma triq li ġġib ismu.

Illum aħna n-Nadurin lill-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri, f'għeluq il-mitt sena minn mewtu, b'imħabba u għożża għall-ħidma li wettaq għall-parroċċa tagħna, il-memorja għażiża tiegħu qed infakkru.

Referenzi:

*i)-APN, Bapt.*, V f. 256, n. 2208. *ii)-'In-Nadur'* Vol. II Alex Bonnici paġni minn 112 sa 113. *iii)-Ibid paġna 117.* iv)-Arkivju Parrokkjali Parroċċa ta' Marija Assunta – Żebbuġ. v)-*'The Xaghra Monumental Church'* 1968 - Julian Refalo Rapa paġna 23. *vi)-'In-Nadur'* Vol. II Alex Bonnici paġna 114. *vii)-Ibid* paġni 117 u 118. *viii)-Ibid* paġna 119. *ix)-Saint Joseph Home* Joseph Bezzina paġni minn 11 sa 13.